Fl-aħħarnett, fin-naħa ta' fuq tal-ewwel faċċata, hemm miktub b'ittri bil-gotku: *Joannes Loysii Praenestini in Basilica S. Petri de Urbe capellae Magistri—Missarum Liber primus.* Dan il-Ktieb immela, kien l-ewwel volum, maħruġ mill-Palestrina qabel kotba oħra tiegħu.

Il-Ktieb iħaddan ħames quddisiet: erbgħa, għal erba' vuċijiet, u il-ħames waħda, għal quintett (ħames vuċijiet) u dawn huma : *Missa Ecce Sacerdos ; O Regem cœli ; Virtute magna; Gabriel Archangelus* u *ad Cœnam Agni provvidi.* Kull bidu ta' dawn il-quddisiet fih l-ittra majuskola **K** fil-bidu tal-*Kyrie*, maħduma b'arabeski, u xbihât ta' trabi (amorini) u x'aktarx f'nofsha, ix-xbieha tal-Papa Ġulju; bħal ma huma xejn inqas ittri fil-bidu ta' versi bħal ma huma: **E** tal-*Et incarnatus*; iċ-**C** tal-*Crucifixus*, l-**O** tal-*Osanna* li huma maħdumin b'sengħa fina, u b'reqqa tal-għaġeb.

Billi, bħal ma ntbaħtu, dan il-Ktieb, huwa tal-Kor u jissejjaħ *Corale* jew *Kyriale*, taħsbu li sejrin tiltaqgħu bħas-soltu ma' Erbgħa rigi ħomor, u noti rettangulari. Xejn minn dan. Ir-rigi huma ħamsa, bħal tal-mużka l-oħra, u n-noti, għalkemm xi ftit jitbegħdu minn dawk tal-lum, fil-valur, jiswew l-istess; il-għaliex semibrevijiet, brevijiet, minimi u semiminimi niltaqgħu magħhom bla heda, flimkien mal-pawsi u aspetti. In-noti iżda, ma humiex fissi bħal tal-mużka li ngħidulha aħna profana; iżda jinżlu u jitilgħu skond il-qagħda tal-muftieħ, u f'hekk jixbaħ il-*Kant Ferm* jew monodiku : Dil-għamla ta' mużka, kienet titlob attenzjoni le ma bħalha, biex wieħed ikantaha, mingħajr ma jitfixkel fit-terzett, fil-quartett u fil-quintett; u aħna tal-lum nistagħġbu mhux ftit, li mdorrijin bil-karti jleqqu u stampa sabiħa, meta naraw kif kienu jaqraw u jkantaw tajjeb, b'rigi u noti ta' lewn wieħed, karta ħażina u tixrob, in-noti ta' taħt jidhru sewwa u jfixklu l-dawk tal-wiċċ, billi s-sengħa tat-Tipografija kienet għadha fi tfulitha.

Barra minn dan, jidher sewwa, li dan il-Kódiċi fiż-żmien kien xi ftit iżjed kbir milli jinsab il-lum, il-għaliex ix-xafra mġewwa tal-legatur, ħasditlu aktarx il-marġni li tidher imqaxqxa sa kemm messet it-tipi.

Volum hekk sabiħ u hekk ta' fejda, għandi naħseb li kien mistur b'legatura mill-isbaħ, bħal ma naraw f'kotba ta' dak iż-żmien. Dak iż-żmien ma kienx għad hemm bħal-lum: l-edizzjonijet irħas, u għalhekk il-kopertina tiegħu, kienet aktarx tal-ġilda tal-Marokk, imżejna b'ħafna tnaqqix taddeheb. U dan kif wieħed jista' jiċħdu meta dan u sħabu

l-oħra (l-imsieken sabu l-mewt qabel il-waqt) kienu mogħtijin lill-Knisja ta' S. Lawrenz, minn xi Nkiżitur għani li ġiebhom miegħu minn Ruma? Iżda billi milli jidher kien imbgħabas biż-żejjed, il-legatura għerqet għal kollox u xi wieħed millegaturi ta' qafqaf infurrah u satru b'biċċa karta kaħla.

Il-ħtieġa ta' dan il-Kódiċi tiġi bil-bosta iżjed magħrufa kieku jien kont inġib quddiem il-għajnejn tal-qarrejja, il-ħajja, ix-xogħol, it-taħbit, iż-żmenijiet ta' Pier Lwiġi minn Palestrina, iżda sabiex ma ndejjaqx għal-lum, jekk Alla jislifni l-għomor, fuq dawn il-ħwejjeġ immur nikteb f'ħarġa oħra.

Kan. G. M. Farrugia.

Il-Baqra, l-Għaniqa, in-Ngħaġa u l-Ljun.

(Il-ħames ħrafa ta' Esopu - mill-ewwel ktieb ta' Fedru)

Qatt ma jseddaq ftehim ma' min hu qawwi,
Turi l-ħrafa li ġejja l-għidud tiegħi.
Baqra u għaniqa u ngħaġa minnha ġwejda
Kienu darba msieħbin ma' Ljun fil-kaċċa;
Kif dawna qabdu ċerv imġissem sewwa,
Hekk il-Ljun tkellem, malli saru l-isħma :
"Għaliex jisimni Ljun, nieħu ta' l-ewwel;
Tatuni t-tieni, għaliex jiena qawwi;
Tixraqli t-tielet, għaliex niswa iżjed...
Ħażin ikun għal min imissli r-raba'.
Hekk id-Dorbies ħataf il-priża kollha.

Dun Karm.